

## Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka; it-trade mark verbali "SMART WATER", reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 781 153

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rigorrenti

Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: trade mark Komunitarja rrevokata

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2013 — Orthogen vs UASI — Arthrex Medizinische Instrumente (IRAP)

(Kawża T-253/13)

(2013/C 207/67)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rigorrenti: Orthogen AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Finger und S. Krüger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Arthrex Medizinische Instrumente GmbH (Karlsfeld, il-Ġermanja)

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-21 ta' Frar 2013, fil-Każ R 382/2012-1;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti tal-appell.

## Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "IRAP" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1, 5, 10, 42 u 44 — Trade mark Komunitarja Nru 3 609 121

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rigorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Arthrex Medizinische Instrumente GmbH

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: raġuni assoluta ta' invalidità; "IRAP" hija abbrevjazzjoni komunament użata għal ġerta proteina, li għandha rwol sinjifikattif fċertu trattament mediku jew veterinarju

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009
  - ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009
- 

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2013 — Stayer Ibérica vs UASI — Korporaciya "MasterNet" (STAYER)

(Kawża T-254/13)

(2013/C 207/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rigorrenti: Stayer Ibérica, SA (Pinto, Spanja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: ZAO Korporaciya "MasterNet" (Moska, ir-Russja)

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tilqa' parżjalment l-appell u tiddikjara r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4675881 invalida għall-prodotti li ġejjin:
- Klassi 7: Tagħmir u għodod; partijiet ta' magni għall-qtugħ u għall-ippolixxjar tad-djamanti; partijiet u roti għall-qtugħ għall-industriji li ġejjin; irħam; granit; ġebel; tafal; ċangaturi; madum u brikk, u b'mod ġenerali, għodod għall-qtugħ bħala partijiet minn tagħmir inkluż fil-Klassi 7.
- Klassi 8: oġġetti għall-brix li jistgħu jinżammu fl-idejn (roti u roti għat-tisnin).
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva "STAYER" — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4 675 881